**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Lulju, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 741/2022 AF**

**CCFO Malta Limited (C-73874)**
**u b'digriet tad-29 ta' Jannar 2024 gie ordnat li s-socjetà Carmelo Caruana Company Limited tassumi l-atti tal-kawza minflok is-socjetà CCFO Malta Limited**

**vs**

**Albert Guy Beliard [K.I. 53546(A) u passaport numru C4NVZHF9]**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' CCFO Malta Limited, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà esponenti tagixxi *inter alia* bhala *free trade zone warehouse operator* u cioè hija toffri servizzi varji lill-klijenti taghha fosthom *storage and trasportation of goods* liema affarijiet ikunu ghadhom ma thallasx id-dazju fuqhom u ghaldaqstant dawn jigu mehmuza mas-socjetà esponenti sakemm id-dwana taghti *clearance*.

Is-socjetà rikorrenti kienet dahlet fi ftehim ghall-istivar ta' oggetti appartenenti lill-konvenut Albert Beliard u dan ai termini ta' *Storage and Transportation Agreement* datat 1 ta' Frar 2021, liema ftehim kellu jibqa' validu ghal massimu ta' sitt (6) xhur mid-29 ta' Mejju 2020 u liema ftehim ma giex imgedded – kopja ta' liema ftehim qieghed jigi hawn anness u esebita bhala Dok. A.

L-oggetti mertu tal-ftehim imsemmi huma dawk elenkati fl-inventarju hawn anness u mmarkat kumplessivament bhala Dok. B.

Minkejja li l-imsemmi ftehim skada fil-31 ta' Mejju 2021, il-konvenut baqa' sal-lum ma gabarx l-oggetti mahzuna mas-socjetà esponenti ai termini tal-ftehim imsemmi.

Jirrizulta wkoll illi d-dazju fuq l-imsemmija oggetti ghadha sal-lum mhux imhallas lill-awtoritajiet kompetenti u ghalhekk l-imsemmija oggetti ma jistghux jinhargu mill-imsemmija *warehouse*.

Ghalhekk is-socjetà esponenti qeghda tigi kostretta zzomm dawn l-oggetti appartenenti lill-konvenut fil-*warehouse* taghha in vista tal-inadempjenza kuntrattwali u legali tieghu u dan a detriment taghha li ma tistax taghmel uzu mill-ispazju okkupat mill-oggetti *de quo*. F'dan is-sens tajjeb illi wiehed igib a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi l-konvenut ghadu sal-lum

ma hallas l-ebda ammonti minnu dovuta ghas-servizzi rezi missocjetà esponenti, liema pretenzjoni ser tigi dedotta permezz ta' proceduri appoziti.

In kwantu d-dazju fuq l-istess oggetti ghadu mhux imhallas, issocjetà esponenti mhijiex f'qaghda illi tiddisponi mill-oggetti, u ghalhekk l-unika alternattiva hija li l-imsemmija oggetti, jekk jibqghu mhux reklamati mill-konvenut,, jigu distrutti wara li jinhareg il-permess appozitu mill-kontrollur tad-dwana.

Minkejja interpellat diversi drabi sabiex jadempixxi ruhu mattermini tal-ftehim u sabiex jeleva l-oggetti tieghu mahzuna massocjetà esponenti, huwa baqa' inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-intimat kiser it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim datat 1 ta' Frar 2021 konkluz bejn il-partijiet meta naqas li jigbor l-oggetti appartenenti lilu fiz-zmien stipulat fl-istess imsemmi ftehim.

2. Tordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju jadempixxi ruhu mal-obbligi tieghu mad-Dipartiment tad-Dwana u immedjatament inehhi l-oggetti mahzuna mas-socjetà rikorrenti fil-*warehouse* taghha.

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lis-socjetà rikorrenti tiddistruggi l-oggetti tal-konvenut mahzuna maghha u dan a spejjez tal-istess konvenut.

4. Tinnomina kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumacja tal-konvenut fi kwalunkwe att li jista' talvolta jkun mehtieg mill-awtoritajiet kompetenti, inkluz sabiex tinhareg l-awtorizzazzjoni mehtiega mill-Kontrollur tad-Dwana ghall-hrug tal-oggetti ghall-iskop ta' distruzzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi huwa minn issa stess ungunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi minkejja li gie notifikat regolarment Albert Guy Beliard, l-intimat, ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.  Lanqas ma deher fil-Qorti ghall-udjenzi.

Rat li, minkejja li gie moghti l-fakoltà li jressaq sottomissjonijiet bil-miktub, huwa baqa' ma ghamel xejn minn dan.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi doveruz jigi enfasizzat l-insenjament kostanti tal-Qrati illi l-kontumacja ma tistax tigi meqjusa bhala ammissjoni tat-talbiet.  Jibqa' fuq ir-rikorrenti l-piz li jipprova sal-grad rikjest mil-ligi illi t-talba tieghu hija misthoqqa.

Dan premess, jirrizulta mill-provi in atti li l-intimat tassew ftiehem mas-socjetà rikorrenti biex din tahzinlu hwejjgu fl-imhazen taghha fil-Freeport li huma "*free trade zone*" (Dok. CCFO 1).

Jirrizulta pruvat ukoll illi l-ftehim skada, ma sar ebda hlas tas-servizz u lanqas ma gew mehuda lura l-oggetti mehmuza li ma jistghux johorgu mill-"*free trade zone*" minghajr ma jithallas id-dazju fuqhom.  Baqghu b'hekk jokkupaw spazju tas-socjetà rikorrenti li minhabba f'hekk qed titlef qliegh ghax ma tistax tuza l-istess spazju ghall-istivar ta' affarijiet ohra.  L-intimat gie mgharraf ufficjalment b'dan kollu però ma ghamel xejn biex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu.  Il-Qorti tirreferi ghax-xhieda ta' Jean Paul Zammit u d-dokumenti minnu esibiti, senjatament il-korrispondenza mad-Dipartiment tad-Dwana.  F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis gustifikati t-talbiet li qed taghmel is-socjetà rikorrenti biex teqred l-oggetti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-intimat kiser it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim datat 1 ta' Frar 2021 konkluz bejn il-partijiet meta naqas li jigbor l-oggetti appartenenti lilu fiz-zmien stipulat fl-istess imsemmi ftehim;

2. Tilqa’ t-tieni talba u għall-fini tagħha timponi terminu ta’ għaxart ijiem mid-data ta’ din is-sentenza;

3. Tilqa’ t-tielet talba u f’każ li l-oġġetti ma jiġux imneħħija fil-perjodu fuq impost, is-soċjetà rikorrenti qegħda tiġi awtorizzata teqred l-oġġetti hija stess a spejjeż ta’ Albert Guy Beliard;

4. Taħtar lil Dr. Josette Grech biex tidħer bħala kuratur fuq kull att meħtieġ mill-awtoritajiet tad-Dwana għall-awtorizzazzjoni biex jinħargu l-oġġetti u jinqerdu.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kollha minn Albert Guy Beliard.

IMĦALLEF

DEP/REG